PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0105/2014**

13.2.2014

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2
(COM(2013)0495 – C7-0259/2013 – 2013/0240(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Teresa Riera Madurell

PR_NLE-CN_art55am

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**


ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..............................................................................................................56

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................59

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2**
**(COM(2013)0495 – C7-0259/2013 – 2013/0240(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0495),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0259/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0105/2014),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Ir-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … ***2013 li jistabbilixxi*** Orizzont 2020[10] ***– Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) jimmira li jkollu*** impatt ikbar fuq ir-riċerka u l- | (4) Ir-Regolament (UE) Nru ***1291***/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ***(***Orizzont 2020***) jipprova jikseb*** impatt ikbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni bl-użu ta' diversi strumenti, ***bl-użu ta' diversi strumenti, inklużi*** sħubijiet pubbliċi-privati |

innovazzjoni ***billi jgħaqqad il-finanzjament tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u mal-finanzjament tas-settur privat fi*** sħubijiet pubbliċi-privati ***fdawk l-oqsma*** ewlenin ***li r-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu fihom*** biex ***jinkisbu*** l-għanijiet usa' tal-kompetittività tal-Unjoni u biex jgħinu ħalli jingħelbu l-isfidi soċjetali. L-involviment tal-Unjoni f'dawn is-sħubijiet jista' jkun b'kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-impriżi konġunti stabbiliti bl-Artikolu 187 tat-Trattat skont id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

[10] ***ĠU … [PQ ta' Orizzont 2020]***

***f'oqsma ewlenin li fihom huwa possibbli li r-riċerka u l-innovazzjoni jikkontribwixxu*** biex ***jintlaħqu*** l-għanijiet usa' tal-kompetittività tal-Unjoni***, biex jinkiseb investiment privat*** u biex jgħinu ħalli jingħelbu l-isfidi soċjetali. ***Dawk is-sħubijiet għandhom jirriflettu kontribuzzjoni bilanċjata mis-sħab kollha, għandhom ikunu responsabbli għall-ilħuq tal-miri tagħhom u għandhom ikunu allinjati mal-miri strateġiċi tal-Unjoni marbuta mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-governanza u l-funzjonament ta' dawk is-sħubijiet għandhom ikunu miftuħa, trasparenti, effettivi u effiċjenti u għandhom jagħtu lil medda wiesgħa ta' partijiet interessati fl-oqsma speċifiċi ta' dawk is-sħubijiet l-opportunità li jipparteċipaw.*** L-involviment tal-Unjoni f'dawn is-sħubijiet jista' jkun b'kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-impriżi konġunti stabbiliti bl-Artikolu 187 tat-Trattat skont id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

[10] ***Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).***

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Skont ***id-Deċiżjoni (UE) Nru …/2013 tal-Kunsill ta' … 2013 li tistabbilixxi*** l-Programm Speċifiku ***li jimplimenta Orizzont 2020 (2014-2020)***[11] ***għandu*** jingħata aktar appoġġ lill-impriżi konġunti kif stabbilit ***mid-Deċiżjoni*** | (5) Skont ***Orizzont 2020 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE***[11] ***(***il-***"***Programm Speċifiku ***Orizzont 2020"), jista'*** jingħata aktar appoġġ lill-impriżi konġunti kif stabbilit ***skont Orizzont 2020***. ***Tali appoġġ huwa soġġett għall-kundizzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| ***Nru 1982/2006/KE skont il-kundizzjonijiet speċifikati fid-Deċiżjoni (UE) Nru […]/2013.*** | ***speċifikati f'Orizzont 2020 u fil-Programm Speċifiku Orizzont 2020, b'mod partikolari dawk fl-Artikolu 25 ta' Orizzont 2020 kif ukoll għal konformità sħiħa mal-prinċipji ġenerali stabbiliti f'Orizzont 2020, u b'mod partikolari l-prinċipji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-aċċess miftuħ.*** |
| [11] ***ĠU … [PS ta' Orizzont 2020]*** | [11] ***Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
Premessa 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Ir-riċerka relatata dwar il-futur tal-mediċina għandha ssir f'dawk l-oqsma li t-taħlita ta' għanijiet soċjetali, tas-saħħa pubblika u tal-kompetittività tal-industrija bijomedika tkun teħtieġ il-ġabra tar-riżorsi u t-trawwim tal-kollaborazzjoni fis-setturi pubbliċi u privati, bl-involviment tal-SMEs. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva għandu jitwessa' ***għall-oqsma kollha*** tar-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja. L-oqsma jkunu ta' interess għas-saħħa pubblika, kif jidentifika r-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-mediċini ta' prijorità għall-Ewropa u għad-Dinja, li bħalissa qed jiġi aġġornat għal verżjoni ġdida li mistennija toħroġ fl-2013. Għaldaqstant l-inizjattiva għandha tara li tinvolvi firxa usa' ta' partijiet interessati, inklużi ***mid-caps***, minn setturi differenti (eż. l-industrija tal-immaġni bijomedika, l-industrija tal- | (8) Ir-riċerka relatata dwar il-futur tal-mediċina għandha ssir f'dawk l-oqsma li t-taħlita ta' għanijiet soċjetali, tas-saħħa pubblika u tal-kompetittività tal-industrija bijomedika tkun teħtieġ il-ġabra tar-riżorsi u t-trawwim tal-kollaborazzjoni fis-setturi pubbliċi u privati, bl-involviment tal-SMEs. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva għandu jitwessa' ***għal dawk l-oqsma*** tar-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja ***fejn intwera l-valur miżjud ta' din l-inizjattiva***. L-oqsma jkunu ta' interess għas-saħħa pubblika, kif jidentifika r-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-mediċini ta' prijorità għall-Ewropa u għad-Dinja, li bħalissa qed jiġi aġġornat għal verżjoni ġdida li mistennija toħroġ fl-2013. Għaldaqstant l-inizjattiva għandha tara li tinvolvi firxa usa' ta' partijiet interessati, inklużi ***SMEs, midcaps u kumpaniji ta' daqs medju li mhumiex fi*** |

informazzjoni teknoloġika medika, l-industrija dijanjostika u/jew tas-saħħa tal-annimali). Parteċipazzjoni usa' tgħin biex isir l-iżvilupp ta' approċċi u teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' mard b'impatt qawwi fuq is-saħħa pubblika.

***swieq tal-kapital ta' ekwità u b'potenzjal ta' innovazzjoni***, minn setturi differenti (eż. l-industrija tal-immaġni bijomedika, l-industrija tal-informazzjoni teknoloġika medika, l-industrija dijanjostika u/jew tas-saħħa tal-annimali) ***u l-livell ta' parteċipazzjoni għandu jkun wieħed mill-benchmarks li magħhom is-suċċess tal-Impriża Konġunta tal-IMI għandu jiġi evalwat ex post***. Parteċipazzjoni usa'***, inkluż involviment sinifikanti tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka, tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u tas-soċjetà ċivili*** tgħin biex isir l-iżvilupp ta' approċċi u teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' mard b'impatt qawwi fuq is-saħħa pubblika.

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-kontinwazzjoni ta' din l-inizjattiva għandha tqis ***ukoll l-esperjenza miksuba mill-operat tal-Impriża Konġunta tal-IMI inklużi r-riżultati tal-evalwazzjoni interim tagħha u r-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati***[14] u tittwettaq bi struttura u regoli iktar xierqa għall-għanijiet tagħha ħalli tiżdied l-effiċjenza u tiżgura simplifikazzjoni fil-livell operattiv. Għal dan il-għan, l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (minn hawn 'il quddiem "IMI2") għandha tadotta regoli finanzjarji speċifiċi għall-ħtiġijiet tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni***[15]. | (9) Il-kontinwazzjoni ta' din l-inizjattiva għandha tqis ***ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim tagħha u tar-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati, b'mod partikolari rigward il-preokkupazzjonijiet imqajma mill-Politika dwar il-Proprjetà Intellettwali tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi, u għandha tiżgura regoli ta' governanza iktar ċari. Il-kontinwazzjoni ta' din l-inizjattiva għandha tqis ukoll l-esperjenza miksuba mill-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI*** u ***għandha*** titwettaq bi struttura u regoli iktar xierqa għall-għanijiet tagħha ħalli tiżdied l-effiċjenza u tiżgura simplifikazzjoni fil-livell operattiv. Għal dan il-għan, l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (minn hawn 'il quddiem "IMI2") għandha tadotta regoli finanzjarji speċifiċi għall-ħtiġijiet tagħha skont l-Artikolu 209 tar- |

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

14 http://ec.europa.eu/research/consultations/life_science_h2020/consultation_en.htm

15 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

14 http://ec.europa.eu/research/consultations/life_science_h2020/consultation_en.htm

15 ***Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (***ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1***)***.

*Ġustifikazzjoni*

*L-IMI2 għandha tkun ir-riżultat ta' proċess ta' tagħlim u għandha tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjonijiet u fl-operat ta' kuljum.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti li tiffinanzja l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru … /2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' … 2013 li jistabbilixxi r-regoli tal-parteċipazzjoni u tixrid f'Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)"***[16]. | (14) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti li tiffinanzja l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru ***1290***/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16]. ***L-Impriża Konġunta tal-IMI2 se tiżgura li l-parteċipanti jipproteġu, jisfruttaw u jxerrdu dawk ir-riżultati b'mod li jiżgura disseminazzjoni u sfruttar fuq skala kbira tad-dejta tar-riċerka u aċċess affordjabbli għall-prodott finali.*** |

16 ***ĠU … [PQ ta' Orizzont 2020]***

16 ***Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-***

| | |
|---|---|
| | ***Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kondiviżjoni ta' dejta li tirriżulta minn proġetti tal-IMI2 hija essenzjali biex jissaħħu l-proċessi kollaborattivi u kumulattivi biex jiżdied l-għarfien xjentifiku.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
Premessa 14a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni interim imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u b'konformità mal-Artikolu 26 ta' Orizzont 2020, l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta, bħala strument ta' finanzjament partikolari, għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni interim bir-reqqa, li għandha tinkludi speċifikament analiżi ta' kemm hi miftuħa, trasparenti, effikaċi u effiċjenti.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titmexxa bil-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u bir-regoli relevanti dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti ***fir-Regolament*** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament delegat ***mill-Kummissjoni*** (UE) Nru 1268/2012 ***tad-29 ta' Ottubru 201226 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012***[26]. | (15) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titmexxa bil-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u bir-regoli relevanti dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti ***fl-Artikolu 60(1) sa (4) tar-Regolament*** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament delegat ***tal-Kummissjoni*** (UE) Nru 1268/2012[26]. |

[26] ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

***Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (***ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1***).***

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta tal-IMI2 bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni. | (18) L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta tal-IMI2 bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni. ***L-istess għandu japplika għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***Skont l-Artikolu 287(1) tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istrument kostitwenti tal-korpi, uffiċċji jew aġenziji li stabbilixxiet l-Unjoni jista' jippreKludi l-eżami tal-kontijiet tad-dħul u n-nefqa kollha ta' dawn il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji mill-Qorti tal-Awdituri. Skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-kontijiet tal-korpi*** skont l-Artikolu ***209 Regolament*** (UE, Euratom) Nru 966/2012 ***għandhom jiġu eżaminati minn korp tal-awditu indipendenti li għandu jagħti opinjoni inter alia dwar il-kredibilità*** tal-kontijiet u | (19) ***B'deroga mill-Artikolu 60(7) u l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) ta' dak ir-Regolament m'għandhomx japplikaw għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 iżda għandhom jiġu allinjati sa fejn possibbli ma'dawk previsti għall-korpi*** skont l-Artikolu ***208 tar-*** |

| | |
|---|---|
| ***l-legalità*** u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ***fihom***. ***L-evitar ta' duplikazzjoni tal-eżami tal-kontijiet jiġġustifika li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta IMI2 ma għandhomx ikunu soġġetti għal eżami*** mill-Qorti tal-Awdituri. | ***Regolament*** (UE, Euratom) Nru 966/2012. ***Il-verifika*** tal-kontijiet u ***tal-legalità*** u r-regolarità tat-transazzjonijiet ***sottostanti*** għandha ***titwettaq*** mill-Qorti tal-Awdituri. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha topera b'mod trasparenti, billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti disponibbli kollha lill-korpi tagħha u tagħmel pubblikament disponibbli l-informazzjoni relatata mal-funzjonament tagħha inklużi l-abbozzi tal-aġendi u l-minuti tal-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Xjentifiku. Barra minn hekk, il-Membri tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kumitat Xjentifiku u d-Direttur Eżekuttiv għandhom jippubblikaw u jaġġornaw id-dikjarazzjoni sħiħa tal-attivitajiet professjonali u l-interessi finanzjarji tagħhom.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b) Sabiex jiġi ggarantit approċċ ibbażat fuq l-isfidi, jinħtieġ ippjanar strateġiku koordinat tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt l-objettiv speċifiku "Saħħa, Bidla Demografika u Benesseri" tal-prijorità "Bidliet Soċjetali", ta' Orizzont 2020. Billi jikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni, il-Panel Xjentifiku għas-Saħħa għandu jikkontribwixxi biex tiġi evitata l-frammentazzjoni u biex jiġi żgurat li l-istrumenti ta' finanzjament differenti taħt din l-Isfida Soċjetali, inkluża l-IMI2, jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja kollha ta' kulħadd b'mod koordinat.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-fini ta' allinjament mal-Artikolu 12 tar-Regolament Qafas H2020.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-Impriża Konġunta tal-IMI nħolqot għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tipprovdi appoġġ kontinwu għall-programm tar-riċerka fil-Mediċini Innovattivi ***billi twessa' l-ambitu tal-attivitajiet skont sett mibdul ta' regoli***. Il-bidla mill-Impriża Konġunta tal-IMI għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mal-bidla mis-Seba' Programm Qafas ***għall-Programm Qafas*** Orizzont 2020 biex ikun żgurat l-aqwa użu tal-finanzjament disponibbli għar-riċerka. Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 għandu jitħassar u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali. | (21) L-Impriża Konġunta tal-IMI nħolqot għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tipprovdi appoġġ kontinwu għall-programm tar-riċerka fil-Mediċini Innovattivi ***billi timplimenta l-bqija tal-attivitajiet previsti fil-programm ta' riċerka tal-IMI skont ir-regoli tal-Impriża Konġunta tal-IMI***. Il-bidla mill-Impriża Konġunta tal-IMI għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mal-bidla mis-Seba' Programm Qafas ***għal*** Orizzont 2020 biex ikun żgurat l-aqwa użu tal-finanzjament disponibbli għar-riċerka. Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 għandu jitħassar u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun ċar li l-Impriża Konġunta tal-IMI2 qiegħda biss timplimenta l-bqija tal-attivitajiet li oriġinarjament kienu previsti sal-2017 skont il-programm ta' riċerka tal-IMI - u xejn aktar. Dawk l-attivitajiet li fadal għandhom isegwu l-ġabra "qadima" ta' regoli tal-IMI,*

*filwaqt li l-attivitajiet tal-IMI għandhom isegwu l-ġabra "ġdida" ta' regoli. Filwaqt li dan diġà fih xogħol enormi, ebda modifika jew interferenza taż-żewġ ġabriet ta' regoli m'għandha sseħħ bejn l-2014 u l-2017.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Fid-dawl tal-mira ġenerali ta' Orizzont 2020 li titwettaq aktar simplifikazzjoni u armonizzazzjoni tax-xenarju tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell Ewropew, l-Impriżi Konġunti għandhom jevitaw settijiet differenti ta' regoli minn Orizzont 2020 u t-tul ta' żmien tas-sħubijiet pubbliċi-privati kollha ffinanzjati taħt Orizzont 2020 għandu jkun allinjat mat-tul ta' żmien ta' Orizzont 2020, sabiex jiġu evitati settijiet ta' regoli differenti li jiffunzjonaw b'mod parallel u piżijiet amministrattivi addizzjonali relatati għall-parteċipanti u l-korpi tal-Unjoni fil-futur;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) Sabiex jiġi eliminat id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, għandhom jiġu żviluppati kumplimentarjetà u sinerġiji mill-qrib mal-Fondi Strutturali. Meta possibbli, għandha tiġi promossa l-interoperabilità bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali. Il-finanzjamenti kumulattivi jew kombinati se jkunu mħeġġa. F'dan il-kuntest, il-miżuri għandu jkollhom l-għan tal-isfruttament sħiħ tal-potenzjal tar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***riżorsi tat-talent Ewropew biex b'hekk jiġi ottimizzat l-impatt ekonomiku u soċjali tar-riċerka u tal-innovazzjoni u jkunu distinti mill-politiki u mill-azzjonijiet tal-Fondi Strutturali u fl-istess ħin komplementari għalihom.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21c) Għandhom jiġu implimentati miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-SMEs, tal-universitajiet u taċ-ċentri għar-riċerka. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati u indirizzati ostakli li jipprevjenu l-parteċipazzjoni ta' parteċipanti ġodda fil-programm.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21d) Minħabba l-importanza ta' riċerka bażika fil-ħolqien ta' ideat li jippermettu soluzzjonijiet innovattivi futuri, għandhom jinħarġu sejħiet għal proposti ta' proġetti ta' R&Ż kollaborattivi fil-qasam tar-riċerka tas-saħħa skont Orizzont 2020, flimkien u b'mod parallel mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, partikolarment dwar ir-riċerka fil-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika 1 sa 4;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Regolament Orizzont 2020, l-attivitajiet ta' R&Ż koperti minn ITK għandhom ukoll*

*ikunu inklużi f'sejħiet regolari għal proposti fi programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020. Fil-każ tal-IMI2, għandha titwettaq riċerka kollaborattiva b'mod parallel ma' attivitajiet tal-IMI2 f'livelli aktar baxxi ta' Tlestija Teknoloġika, biex tinkiseb inklużjoni usa' ta' universitajiet u SMEs fir-riċerka tas-saħħa ffinanzjata mill-UE, biex jiġi żgurat bilanċ bejn Livelli ta' Tlestija Teknoloġika aktar baxxa u aktar għolja, biex jinħoloq ambjent ta' riċerka kompetittiv u tissaħħaħ l-innovazzjoni futura.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21e) Filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji maħsuba bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali, kif ukoll il-programmi ta' R&Ż nazzjonali u reġjonali relevanti, ir-reġjuni tal-Unjoni għandhom ikunu inkoraġġiti jikkontribwixxu proattivament għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, pereżempju, billi jappoġġjaw finanzjarjament infrastruttura ta' riċerka relevanti, billi jippreparaw proposti, billi jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka jew l-attivitajiet ta' netwerking ta' atturi relevanti, bl-għan li jsaħħu l-impatt reġjonali tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u l-potenzjal tagħhom li joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir fil-livell reġjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew irnexxielu jdaħħal artikolu ġdid fir-Regolament Qafas Orizzont 2020 li espliċitament jitlob aktar sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali. F'dan il-kuntest, l-ITK m'għandhomx ikunu eċċezzjoni. Ir-reġjuni għandhom ikunu inkoraġġiti jikkontribwixxu għall-attivitajiet tagħhom, partikolarment minħabba l-potenzjal kbir li għandhom biex isaħħu r-raggruppamenti reġjonali.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-implimentazzjoni tal-Impriża Teknoloġika Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi, ġiet stabbilita impriża konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem "Impriża Konġunta tal-IMI2"), għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024. | Għall-implimentazzjoni tal-Impriża Teknoloġika Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi, ġiet stabbilita impriża konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem "Impriża Konġunta tal-IMI2"), għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024. ***Madankollu, b'konformità mad-durata tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 ("il-Programm Qafas Orizzont 2020"), is-sejħiet kollha għal proposti għandhom jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2020.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
Artikolu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għanijiet | L-għanijiet |
| L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jkollha dawn l-għanijiet: | L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jkollha dawn l-għanijiet: |
| (a) tgħin fl-implimentazzjoni ***tar-Regolament (UE) Nru […]/2013/UE [il-Programm*** Qafas Orizzont 2020***]***, b'mod partikolari l-parti ***…*** tad-Deċiżjoni ***(UE) Nru […]/***2013/UE ***[il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020]*** u b'mod partikolari biex jitjiebu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej. | (a) tgħin fl-implimentazzjoni ***tal-Programm*** Qafas Orizzont 2020, b'mod partikolari l-parti ***III*** tad-Deċiżjoni 2013/***743/***UE u b'mod partikolari biex jitjiebu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej. |
| (b) ***tgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet*** tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta tal-Mediċini Innovattivi, b'mod partikolari biex: | (b) ***tappoġġa l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-politika pubblika fil-qasam tas-Saħħa permezz*** tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta tal-Mediċini Innovattivi***, kif determinat mill-prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni stabbiliti fil-Programm Qafas Orizzont 2020***, b'mod partikolari biex: |
| i) iżżid ir-rata ta' suċċess fil-provi kliniċi | i) iżżid ir-rata ta’ suċċess fil-provi kliniċi |

| | |
|---|---|
| ***tal-mediċini*** ta' prijorità li tidentifika l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; | ***billi tappoġġa proġetti innovattivi dwar mediċini u terapiji*** ta' prijorità li tidentifika l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ***sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet terapewtiċi u tas-saħħa pubblika, u fejn l-inċentivi biex is-settur privat jinvesti waħedhom ma jkunux biżżejjed***; |
| ii) tnaqqas iż-żmien biex tinstab prova klinika ta' kunċett fl-iżvilupp tal-mediċina bħal dik għal mard immunoloġiku, respiratorju, newroloġiku u newrodeġenerattiv; | ii) tnaqqas iż-żmien biex tinstab prova klinika ta' kunċett fl-iżvilupp tal-mediċina bħal dik għal mard immunoloġiku, respiratorju, newroloġiku u newrodeġenerattiv; |
| iii) tiżviluppa terapiji ġodda għal mard bi ħtieġa kbira mhux indirizzata, bħall-marda ***tal-Alzheimer*** u inċentivi limitati tas-suq, ***bħar-reżistenza kontra l-mikrobi***; | iii) tiżviluppa ***tilqimiet, dijanjostika, mediċini u*** terapiji ġodda għal mard bi ħtieġa kbira mhux indirizzata, bħall-marda ***ta' Alzheimer u r-reżisetnza antimikrobika inġenerali,*** u inċentivi limitati tas-suq, ***bħal mard orfni/rari***; |
| iv) ***tiżviluppa*** bijomarkaturi dijanjostiċi u ta' trattament għal mard relatat biċ-ċar mar-rilevanza klinika u li japprovaw ir-regolaturi; | iv) ***tappoġġa l-iżvilupp ta'*** bijomarkaturi dijanjostiċi u ta' trattament għal mard relatat biċ-ċar mar-rilevanza klinika u li japprovaw ir-regolaturi; |
| v) tnaqqas ir-rata ta' falliment tat-tilqimiet kandidati fil-provi kliniċi tal-fażi III permezz ta' bijomarkaturi ġodda għall-verifiki tal-bidu tal-effikaċja u s-sikurezza; | v) tnaqqas ir-rata ta' falliment tat-tilqimiet kandidati fil-provi kliniċi tal-fażi III permezz ta' bijomarkaturi ġodda għall-verifiki tal-bidu tal-effikaċja u s-sikurezza; |
| vi) ittejjeb il-proċess attwali tal-iżvilupp fil-mediċini billi tappoġġa l-iżvilupp ta' għodod, standards u approċċi li jivvalutaw l-effikaċja, is-sikurezza u l-kwalità ta' prodotti tas-saħħa regolati**.** | vi) ittejjeb il-proċess attwali tal-iżvilupp fil-mediċini billi tappoġġa l-iżvilupp ta' għodod, standards u approċċi li jivvalutaw l-effikaċja, ***l-effettività,*** is-sikurezza***, il-benefiċċju terapewtiku*** u l-kwalità ta' prodotti tas-saħħa regolati***;*** |
| | ***via) issaħħaħ il-kapaċità ta' atturi żgħar bħal organizzazzjonijiet ta' riċerka, universitajiet u SMEs li jipparteċipaw f'mudelli tal-innovazzjoni miftuħin;*** |
| | ***(ba) tippromwovi l-involviment ta' SMEs fl-attivitajiet tagħha, f'konformità mal-objettivi tal-Programm Qafas Orizzont 2020;*** |
| | ***(bb) tiffaċilita l-bidla lejn sistema ta' innovazzjoni miftuħa, filwaqt li ssaħħaħ il-proċessi kollaborattivi u kumulattivi biex jiżdied l-għarfien xjentifiku;*** |

***(bc) timmira għall-għoti ta' terapiji disponibbli u aċċessibbli b'konformità mal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp tas-saħħa kif stabbilit f'Orizzont 2020;***

***Proġetti mmexxija taħt l-Impriża Konġunta tal-IMI2 wara sejħiet miftuħa għal proposti jistgħu jinkludu kwalunkwe istituzzjoni eliġibbli bħala parteċipant u koordinatur.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet*** |
| | ***1. Sabiex ikunu ssodisfati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 l-Impriża Konġunta tal-IMI2 tista' tiffinanzja l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jikkompromettu l-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika minn 2 sa 6.*** |
| | ***2. Meta l-programm ta' riċerka tal-IMI2 jipprevedi attivitajiet ta' innovazzjoni li jkun fihom Livelli ta' Tlestija Teknoloġika minn 7 sa 8, ir-rati ta' finanzjament għal azzjonijiet indiretti għandhom jitnaqqsu b'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu għandu l-għan li jikkjarifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, b'mod partikolari fir-rigward tal-LTT koperti mill-programm ta' riċerka tagħha. Ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni jitolbu wkoll aktar kunsiderazzjoni tal-kunċett TRL biex jiġi ddeterminat il-livelli ta' fondi, kwistjoni li ġiet trattata f'dan l-artikolu fir-rigward tar-rati ta' fondi użati f'azzjonijiet indiretti.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni, ***inkluż l-approprjazzjonijiet tal-EFTA***, għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 biex tkopri l-kostijiet amministrattivi u kostijiet operattivi għandha tkun EUR ***1 725 miljun*** li għadhom jikkonsistu f'dan li ġej: | Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni, ***inklużi l-kontribuzzjonijiet mill-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kumemrċ Ħieles (EFTA)***, għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 biex tkopri l-kostijiet amministrattivi u kostijiet operattivi għandha tkun EUR ***1 638 750 000*** li għandhom jikkonsistu f'dan li ġej: |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sa EUR ***1 500 miljun biex taqbel*** mal-kontribuzzjoni tal-EFPIA, jew tal-entitajiet kostitwenti tagħha jew l-entitajiet affiljati magħhom; | (a) sa EUR ***1 425 000 000 li għandhom jiżdiedu*** mal-kontribuzzjoni tal-EFPIA, jew tal-entitajiet kostitwenti tagħha jew l-entitajiet affiljati magħhom; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) sa EUR ***225miljun biex taqbel*** mal-kontribuzzjoni addizzjonali mingħand Sħab Assoċjati ta' Membri oħra, jew tal-entitajiet kostitwenti tagħhom jew l-entitajiet affiljati magħhom. | (b) sa EUR ***213 750 000 li għandhom jiżdiedu*** mal-kontribuzzjoni addizzjonali mingħand Sħab Assoċjati ta' Membri oħra, jew tal-entitajiet kostitwenti tagħhom jew l-entitajiet affiljati magħhom. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet rilevanti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat lill-Programm Speċifiku Orizzont 2020 li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020 skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv) u ***l-Artikoli*** 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-korpi li jissemmew fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament. | Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet rilevanti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat lill-Programm Speċifiku Orizzont 2020 li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020 skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv) u ***l-Artikolu*** 60***(1) sa (4)*** u ***l-Artikolu*** 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-korpi li jissemmew fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – l-ewwel subparagrafu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-ftehim ta' delega li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 għandu jindirizza l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 58(3) u ***l-Artikoli*** 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament ***delegat tal-Kummissjoni*** (UE) Nru 1268/2012 kif ***ukol bħala*** inter alia dawn li ġejjin: | Il-ftehim ta' delega li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 għandu jindirizza l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 58(3) u ***l-Artikolu*** 60***(1) sa (4)*** u ***l-Artikolu*** 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1268/2012 kif ***ukoll,*** inter alia***,*** dawn li ġejjin: |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni relatati mal-funzjonament tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (c) l-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni relatati mal-funzjonament tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***imsemmija fl-Anness***; |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-arranġamenti dwar l-għoti tad-dejta meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni tista' tissodisfa l-obbligi tagħha tat-tixrid u r-rappurtar; | (d) l-arranġamenti dwar l-għoti tad-dejta meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni tista' tissodisfa l-obbligi tagħha tat-tixrid u r-rappurtar***, inkluża informazzjoni kompleta dwar il-proposti kollha u l-ftehimiet tal-għotijiet u s-sħab tagħhom li għandha tiddaħħal fil-bażi tad-dejta Orizzont 2020 globali [ECORDA] mingħajr dewmien***; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament (UE) Nru … | ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12,*** l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament (UE) Nru … |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Evalwazzjoni | ***Rapporti u*** Evalwazzjoni |
| 1. ***Sal-31 ta' Diċembru*** 2017, il-Kummissjoni għandha ***tagħmel*** evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta ***IMI2***. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament | 1. ***Sat-30 ta' Ġunju*** 2017, il-Kummissjoni għandha ***torganizza*** evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta ***tal-IMI2, li għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali mogħtija mill-Panel Xjentifiku għas-Saħħa b'konformità mal-Artikolu 12(2)*** |

Ewropew u lill-Kunsill *sat-30 ta' Ġunju 2018*.

***tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-pariri tal-Kumitat Xjentifiku*. *Dik l-evalwazzjoni għandha, inter alia, tqabbel il-kisbiet interim tal-IMI2 mal-indikaturi speċifiċi elenkati fil-Klawsola 18a tal-Istatuti inklużi fl-Anness ta' dan ir-Regolament.*** Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***sal-31 ta' Diċembru 2017*. *Ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim indipendenti tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandhom jitqiesu fl-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas Orizzont 2020.***

***B'konformità mal-Artikolu 32 tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u bħala parti mill-Evalwazzjoni Interim Orizzont 2020, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti bħala strument ta' finanzjament tal-Programm Qafas Orizzont 2020 għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni bir-reqqa li għandha tinkludi, inter alia, analiżi tal-ftuħ, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-sħubijiet pubbliċi privati abbażi tal-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***

***Sabiex tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet mhux previsti jew għal żviluppi u ħtiġijiet ġodda l-Kummissjoni tista', wara l-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas Orizzont 2020 tirrieżamina, fl-ambitu tal-proċedura baġitarja annwali, il-baġit tal-Impriża Konġunta tal-IMI2.***

***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Impriża Konġunta tal-IMI2. Dan ir-rapport għandu jkun fih id-dettalji tal-implimentazzjoni inklużi n-numru ta' proposti ppreżentati, in-numru ta' proposti magħżulin għal finanzjament, it-tip ta' parteċipanti, inklużi l-SMEs, u l-istatistiki tal-pajjiżi.***

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ir-rilaxx*** tal-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***għandu jkun parti mir-rilaxx li jagħti l-Parlament*** Ewropew ***skont*** rakkomandazzjoni tal-Kunsill***, lill-Kummissjoni*** skont il-proċedura stabbilita ***fl-Artikolu 319 tat-Trattat***. | 1. ***Il-kwittanza*** tal-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***għandha tingħata mill-Parlament*** Ewropew, ***fuq*** rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura stabbilita ***fir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2***. |
| ***2. L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tikkopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura tar-rilaxx u tipprovdi, kif xieraq, kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa. F'dan il-kuntest, din tista' tintalab li tiġi rrappreżentata waqt il-laqgħat mal-istituzzjonijiet jew il-korpi rilevanti u biex tassisti lill-uffiċjal awtoritattiv tal-Kummissjoni b'delega*** | |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Biex tiżgura l-koerenza, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 fuq dawk il-parteċipanti li rċevew finanzjament mingħand l-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 2. Biex tiżgura l-koerenza, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 fuq dawk il-parteċipanti li rċevew finanzjament mingħand***, jew li kkontribwew għall-attivitajiet iffinanzjati minn,*** l-Impriża Konġunta tal-IMI2. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sħab kollha li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-IMI2 għandhom ikunu soġġetti għal awditi.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Klawsola 17(4) tal-Istatuti inklużi fl-Anness,*** l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħrajn awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, li hemm bżonn biex jagħmlu l-awditi tagħhom. | 1. L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tagħti aċċess lill-persunal tal-Kummissjoni u lill-persuni oħrajn awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa biex jagħmlu l-awditi tagħhom. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex jagħmlu dawn l-awditi fuq ***ir-riċevituri tal-finanzjament mingħand l-Impriża*** Konġunta tal-IMI2, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. | (b) lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex jagħmlu dawn l-awditi fuq ***il-parteċipanti fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-Impriża*** Konġunta tal-IMI2, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-membri tal-persunal tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, id-Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jiżvelaw, mingħajr dewmien u mingħajr ma r-responsabbiltà tagħhom tista' tiġi ddubitata minħabba dan l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***iżvelar, il-frodi li jkunu saru jafu bih fit-twettiq tal-funzjonijiet jew mandati tagħhom fl-OLAF.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ġlieda kontra l-frodi għandha tkun prijorità tal-Unjoni. Dan il-mezz ta' żvelar, li diġà jiffunzjona f'tal-inqas Stat Membru wieħed, huwa strument utli ħafna għal dan il-għan.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta IMI2 jista' jadotta arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 diġà jistabbilixxi l-arranġamenti biex Istituzzjoni tal-UE tipprovdi aċċess għad-dokumenti.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Membri tal-Bord tat-Tmexxija, tal-Kumitat Xjentifiku u d-Direttur Eżekuttiv għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku u jżommu aġġornata dikjarazzjoni tal-attivitajiet professjonali kollha, ta' interessi finanzjarji u ta' kunflitt ta' interess. Id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:*** <br> ***(a) l-okkupazzjoni professjonali u s-sħubija tiegħu/tagħha f'bords jew*** |

| | |
|---|---|
| | ***kumitati ta' kumpaniji privati, organizzazzjonijiet mhux governattivi u assoċjazzjonijiet;*** |
| | ***(b) parteċipazzjoni f'kumpaniji jew sħubijiet fejn hemm implikazzjonijiet potenzjali ta' politika pubblika jew fejn dik il-parteċipazzjoni tagħti lill-persuna influwenza sinifikanti fuq l-affarijiet;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid | Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid |
| Ir-Regolament (UE) Nru ***… [Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u t-tixrid f'Orizzont 2020] għandu japplika*** għall-azzjonijiet li tiffinanzja l-Impriża Konġunta tal-IMI2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha titqies bħala korp tal-finanzjament u għandha tagħti appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif tistabbilixxi l-Klawsola 1 tal-Istatuti inklużi fl-Anness. | Ir-Regolament (UE) Nru ***1290/2013 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relevanti għall-implimentazzjoni tiegħu għandhom japplikaw*** għall-azzjonijiet ***indiretti*** li tiffinanzja l-Impriża Konġunta tal-IMI2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha titqies bħala korp tal-finanzjament u għandha tagħti appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif tistabbilixxi l-Klawsola 1 tal-Istatuti inklużi fl-Anness. |
| | ***Id-derogi previsti fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 għandhom jiġu applikati konsistentement sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u proċedurali għat-tipi kollha ta' parteċipanti, tiġi permessa l-usa' parteċipazzjoni possibbli, u jiġi żgurat trattament ekwu u ġust tal-parteċipanti kollha rigward is-sjieda tar-riżultati ġenerati mill-proġetti tal-IMI2 u l-aċċess għalihom. Id-derogi ma jistax ikollhom effetti deterrenti għal parteċipanti ta' universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka mingħajr skop ta' qligħ jew SMEs.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'mod ġenerali, l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tapplika r-regoli għat-tixrid u l-isfruttar stabbiliti f'Orizzont 2020. Barra minn hekk, għandha tiżviluppa linji gwida vinkolanti sabiex tiżgura:*** |
| | ***- aċċess miftuħ għal riżultati tar-riċerka wara t-tmiem tal-proġetti, inkluż aċċess għal dejta relatata ma' provi kliniċi, inklużi riżultati pożittivi u negattivi;*** |
| | ***- ġestjoni ta' proprjetà intellettwali u prattiki ta' għoti ta' liċenzji magħmulin sabiex jiżguraw aċċess wiesa' u affordjabbli għal prodotti finali;*** |
| | ***Għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li atturi żgħar bħal organizzazzjonijiet tar-riċerka, universitajiet u SMEs ikunu jistgħu jipparteċipaw b'suċċess f'mudelli ta' innovazzjoni miftuħa.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tentattivi fl-IMI 1 biex jiġu stabbiliti mudelli ta' innovazzjoni aktar miftuħa fi proġetti individwali qed joħolqu diffikultajiet b'mod partikolari għal atturi żgħar bħal SMEs, universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka. Filwaqt li l-għan li jiġu stabbiliti mudelli ta' innovazzjoni miftuħa ma għandux jintilef, għandha tingħata aktar attenzjoni kemm għall-bżonnijiet ta' atturi aktar dgħajfa kif ukoll għall-bżonn pubbliku li jingħata aċċess usa' u affordjabbli għal prodotti finali. Dawn iż-żewġ aspetti huma neqsin mill-proposta tal-IMI.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'konformità mal-prinċipji ta'*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***trasparenza u nondiskriminazzjoni kif stabbiliti fl-Artikoli 60(1) u 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, sejħiet għal proposti organizzati mill-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandhom jiġu ppubblikati fil-Portal ta' Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020 ibbażat fuq l-Internet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Matul in-negozjati tat-trilogu ta' Orizzont 2020, l-istituzzjonijiet qablu li jippromwovu koerenza akbar tal-possibilitajiet kollha ta' sejħa ffinanzjati taħt Orizzont 2020. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni wiegħdet li tippromwovi l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti organizzati mill-ITK fil-Portal ta' Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020. Kollha qablu li jsegwu dan l-approċċ. Din l-emenda għandha l-għan li tbiddel awtoobbligu f'rekwiżit legali, li jiggarantixxi informazzjoni sempliċi u aċċessibbli għall-applikanti.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Kull approprjazzjoni li ma tintużax*** skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2008 ***għandha tiġi ttrasferita*** lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***skont dan ir-Regolament***. | 5. ***L-approprjazzjonijiet indispensabbli biss meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi derivati minn sejħiet għal proposti*** skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2008 ***għandhom jiġu ttrasferiti taħt dak ir-Regolament*** lill-Impriża Konġunta tal-IMI2. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe baġit mhux użat tal-IMI1 għajr in-nefqa amministrattiva indispensabbli biex tingħalaq l-IMI1 għandu jintuża biex jiffinanzja proġetti tal-FP7, perežempju biex jiġu appoġġati proġetti fil-lista ta' riżerva.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha twettaq dawn il-kompiti: | L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha twettaq dawn il-kompiti: |
| (a) timmobilizza ***r-riżorsi*** tas-settur pubbliku u privat li hemm bżonn biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (a) timmobilizza ***l-investimenti privati kif ukoll ir-riżorsi*** tas-settur pubbliku u privat li hemm bżonn biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; |
| (b) tirrevedi regolarment u tagħmel kull bidla meħtieġa fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi li jseħħu waqt l-implimentazzjoni tagħha; | (b) tirrevedi regolarment u tagħmel kull bidla meħtieġa fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi li jseħħu waqt l-implimentazzjoni tagħha***, filwaqt li tqis ir-riżultati tar-rieżamijiet tal-Panel Xjentifiku għas-Saħħa ta' Orizzont 2020 stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Programm Qafas Orizzont 2020***; |
| (c) tistabbilixxi u tiżviluppa koperazzjoni mill-qrib u fit-tul bejn l-Unjoni, il-Membri l-oħra, is-Sħab Assoċjati, u l-partijiet interessati l-oħra bħal industriji oħra, korpi regolatorji, organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-akkademja u ċentri kliniċi, kif ukoll koperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja; | (c) tistabbilixxi u tiżviluppa koperazzjoni mill-qrib u fit-tul bejn l-Unjoni, il-Membri l-oħra, is-Sħab Assoċjati, u l-partijiet interessati l-oħra bħal industriji oħra, korpi regolatorji, organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-akkademja***, organizzazzjonijiet ta' riċerka*** u ċentri kliniċi***, filwaqt li jkun żgurat li l-parteċipazzjoni tkun wiesgħa kemm jista' jkun***; |
| (d) tiffaċilita l-koordinazzjoni mal-attivitajiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam, u tikkomunika u tinteraġġixxi mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas Orizzont 2020; | (d) tiffaċilita l-koordinazzjoni mal-attivitajiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam, u tikkomunika u tinteraġġixxi mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas Orizzont 2020; |
| (e) tappoġġa b'mod effettiv ir-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja ***l-aktar b'għotjiet***; | (e) tappoġġa b'mod effettiv ir-riċerka u l-innovazzjoni ***prekompetittivi*** fix-xjenzi tal-ħajja ***relatati mas-saħħa inklużi l-fażijiet prekliniċi u relatati mas-saħħa tal-iżvilupp tal-mediċini u l-provi kliniċi innovattivi li jindirizzaw bżonnijiet ta' saħħa pubblika meta l-inċentivi biex is-settur privat jinvesti waħdu ma jkunux issodisfati biżżejjed, kif ivvalutat mill-kumitat xjentifiku tal-IMI1***; |
| (f) tiddefinixxi u twettaq il-pjan ta' ħidma annwali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 l- | (f) tiddefinixxi u twettaq il-pjan ta' ħidma annwali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 l- |

| | |
|---|---|
| aktar b'sejħiet ***għall-proposti***; | aktar b'sejħiet ***għal proposti miftuħa u kompetittivi***; |
| (g) tagħmel sejħiet ***għall-proposti*** u kull proċedura oħra meħtieġa għal finanzjament, tevalwa l-proposti, tagħti finanzjament għal proġetti skont ir-regoli applikabbli, fil-limiti tal-finanzjament disponibbli; | (g) tagħmel sejħiet ***għal proposti miftuħa u kompetittivi*** u kull proċedura oħra meħtieġa għal finanzjament, tevalwa l-proposti, tagħti finanzjament għal proġetti skont ir-regoli applikabbli, fil-limiti tal-finanzjament disponibbli; |
| | ***(ga) tippubblika informazzjoni dwar il-proġetti, inklużi l-isem tal-parteċipanti u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għal kull parteċipant;*** |
| (h) tagħmel attivitajiet tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, l-isfruttar u t-tixrid billi tapplika ***mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet*** tal-Artikolu 22 ***tar-Regolament (UE) Nru […]/2013 [il-Programm*** Qafas Orizzont 2020***]***; | (h) tagħmel attivitajiet tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, l-isfruttar u t-tixrid billi tapplika ***d-dispożizzjonijiet*** tal-Artikolu 22 ***tal-Programm*** Qafas Orizzont 2020; |
| (i) ***għallinqas*** darba fis-sena tlaqqa' l-gruppi ta' interess biex tiżgura li l-attivitajiet tar-riċerka tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 ikunu miftuħa ***u*** trasparenti mal-partijiet interessati tagħha; | (i) ***tal-anqas*** darba fis-sena ***tikkomunika b'mod regolari u*** tlaqqa' l-gruppi ta' interess biex tiżgura li l-attivitajiet tar-riċerka tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 ikunu miftuħa***,*** trasparenti ***u jkollhom l-obbligu ta' rendikont*** mal-partijiet interessati tagħha ***permezz tal-Forum tal-Partijiet Interessati***; |
| (j) kull kompitu ieħor li hemm bżonn biex tintlaħqu l-għanijiet li jissemmew fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. | (j) kull kompitu ieħor li hemm bżonn biex tintlaħqu l-għanijiet li jissemmew fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Membri tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandhom ikunu: | 1. Il-Membri tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandhom ikunu: |
| (a) l-Unjoni rrappreżentata mill-Kummissjoni; | (a) l-Unjoni rrappreżentata mill-Kummissjoni; |
| (b) wara l-approvazzjoni ta' dawn l-Istatuti b'ittra ta' approvazzjoni, il-Federazzjoni | (b) wara l-approvazzjoni ta' dawn l-Istatuti b'ittra ta' approvazzjoni, il-Federazzjoni |

| | |
|---|---|
| Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet tal-Farmaċewtika (minn hawn 'il quddiem "EFPIA"). | Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet tal-Farmaċewtika (minn hawn 'il quddiem "EFPIA")***, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ reġistrata taħt il-liġi Svizzera (numru ta' reġistrazzjoni 4749) bl-uffiċċju permanenti tagħha fi Brussell, il-Belġju***. |
| 2. Sakemm din tikkontribwixxi għall-finanzjament imsemmi fil-Klawsola 13 ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 stabbilita fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u sakemm din taċċetta dawn l-Istatuti, kull entità legali li direttament jew indirettament tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020 tista' tapplika biex tkun Membru fl-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 2. Sakemm din tikkontribwixxi għall-finanzjament imsemmi fil-Klawsola 13 ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 stabbilita fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u sakemm din taċċetta dawn l-Istatuti, kull entità legali li direttament jew indirettament tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020 tista' tapplika biex tkun Membru fl-Impriża Konġunta tal-IMI2. |
| 3. Meta jiġu approvati dawn l-Istatuti b'ittra tal-approvazzjoni, kull entità legali ħlief Membru jew entità kostitwenti ta' Membru jew xi entità affiljati ma' xi waħda minnhom, li tappoġġa l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fil-qasam tar-riċerka tagħha, fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020, tista' tapplika biex tingħaqad mal-IMI2 bħala Sieħeb Assoċjat. L-ittra tal-approvazzjoni għandha tagħti dettalji dwar l-ambitu tal-assoċjazzjoni fejn jidħlu l-kontenut, l-attivitajiet u kemm itulu. | 3. Meta jiġu approvati dawn l-Istatuti b'ittra tal-approvazzjoni, kull entità legali ħlief Membru jew entità kostitwenti ta' Membru jew xi entità affiljati ma' xi waħda minnhom, li tappoġġa l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fil-qasam tar-riċerka tagħha, fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020, tista' tapplika biex tingħaqad mal-IMI2 bħala Sieħeb Assoċjat. L-ittra tal-approvazzjoni għandha tagħti dettalji dwar l-ambitu tal-assoċjazzjoni fejn jidħlu l-kontenut, l-attivitajiet u kemm itulu***, u jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien lill-Kummissjoni li, meta l-approvazzjoni tkun applikata, għandu jkollha d-dritt toġġezzjona għas-sħubija ħlief fil-każ ta' Stat Membru tal-Unjoni***. ***Ir-regoli dwar meta jiġu aċċettati membri ġodda għandhom ikunu pubbliċi u trasparenti, ma jkunux ta' ostakolu bla bżonn, u kwalunkwe rifjut għandu jkun iġġustifikat b'mod ċar bil-miktub u jkun disponibbli għall-kandidat u għall-Grupp Rappreżentattiv tal-Istati.*** |
| 4. Bħall-Membri l-oħra ħlief l-Unjoni, is-Sħab Assoċjati għandhom jikkontribwixxu għall-kostijiet operattivi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, skont il-Klawsola 13 | 4. Bħall-Membri l-oħra ħlief l-Unjoni, is-Sħab Assoċjati għandhom jikkontribwixxu għall-kostijiet operattivi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, skont il-Klawsola 13 |

| | |
|---|---|
| ta' dawn l-Istatuti. | ta' dawn l-Istatuti. |
| L-ittra tal-approvazzjoni għandha tagħti dettalji dwar il-kontribuzzjoni tas-Sħab Assoċjati għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 u li trid taqbel mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament. | L-ittra tal-approvazzjoni għandha tagħti dettalji dwar il-kontribuzzjoni tas-Sħab Assoċjati għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 u li trid taqbel mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 3 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jivvaluta l-applikazzjoni u jqis ir-rilevanza u l-potenzjal tal-valur miżjud tal-applikant biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. Imbagħad dan għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni. | 2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jivvaluta l-applikazzjoni u jqis ir-rilevanza u l-potenzjal tal-valur miżjud tal-applikant biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. Imbagħad dan għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni ***u għandu jinnotifika, mingħajr dewmien, id-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni li, jekk ikun hemm qbil dwar it-talba, għandu dritt joġġezzjona għall-adeżjoni ħlief għal Stat Membru tal-Unjoni. Ir-regoli dwar meta jiġu aċċettati membri ġodda għandhom ikunu pubbliċi u trasparenti, ma jkunux ta' ostaklu bla bżonn, u kwalunkwe rifjut għandu jkun iġġustifikat b'mod ċar bil-miktub u jkun disponibbli għall-kandidat u għall-Grupp Rappreżentattiv tal-Istati.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, għandha tkun tista' topponi adeżjoni.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 3 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kull Membru jew Sieħeb Assoċjat jista' jittermina s-sħubija jew l-assoċjazzjoni tiegħu fl-Impriża Konġunta tal-IMI2. It-terminazzjoni għandha tkun effettiva u irrevokabbli sitt xhur wara li jiġu mgħarrfa l-Membri u s-Sħab Assoċjati l-oħra. Minn hemmhekk, il-Membru jew is-Sieħeb Assoċjat jinħeles minn kull obbligu ħlief dawk approvati jew sostnuti mill-Impriża Konġunta tal-IMI2 qabel tiġi tterminata s-sħubija jew l-assoċjazzjoni. | 3. Kull Membru jew Sieħeb Assoċjat jista' jittermina s-sħubija jew l-assoċjazzjoni tiegħu fl-Impriża Konġunta tal-IMI2. It-terminazzjoni għandha tkun effettiva u irrevokabbli sitt xhur wara li jiġu mgħarrfa l-Membri u s-Sħab Assoċjati l-oħra. Minn hemmhekk, il-Membru jew is-Sieħeb Assoċjat jinħeles minn kull obbligu ħlief dawk approvati jew sostnuti mill-Impriża Konġunta tal-IMI2 qabel tiġi tterminata s-sħubija jew l-assoċjazzjoni. ***F'każ ta' rtirar, għandu jinfetaħ kont bejn il-membru li qed jirtira u l-Impriża Konġunta tal-IMI2 biex jiġu bbilanċjati l-obbligi finanzjarji tiegħu.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 3 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Is-sħubija jew l-assoċjazzjoni fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 ma tistax tiġi ttrasferita għand partijiet terzi mingħajr ftehim bil-quddiem mal-Bord tat-Tmexxija. | 4. Is-sħubija jew l-assoċjazzjoni fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 ma tistax tiġi ttrasferita għand partijiet terzi mingħajr ftehim bil-quddiem mal-Bord tat-Tmexxija. ***Dan il-ftehim għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni li għandu jkollha dritt topponi.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Funzjonament tal-Bord tat-Tmexxija | Funzjonament tal-Bord tat-Tmexxija |
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, | 1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, |

| | |
|---|---|
| kull Membru għandu jkollu persentaġġ minn 100 dritt tal-vot li jkun skont il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni tiegħu għall-Impriża Konġunta tal-IMI2. | kull Membru għandu jkollu persentaġġ minn 100 dritt tal-vot li jkun skont il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni tiegħu għall-Impriża Konġunta tal-IMI2. |
| Il-Kummissjoni ***għanda*** żżomm 50% tad-drittijiet tal-vot. Il-vot tal-Kummissjoni għandu jkun indiviżibbli. Kull Stat Membru għandu jalloka d-drittijiet tal-vot tiegħu fost ir-rappreżentanti tiegħu fil-Bord tat-Tmexxija. Il-Membri għandhom jagħmlu l-almu kollu ***tagħha*** biex jilħqu kunsens. Jekk ma jintlaħaqx kunsens, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75% tal-voti kollha anki tal-voti ta' min ma jkunx attenda. | Il-Kummissjoni ***għandha*** żżomm 50% tat-total tad-drittijiet tal-vot. Il-vot tal-Kummissjoni għandu jkun indiviżibbli. Kull Stat Membru għandu jalloka d-drittijiet tal-vot tiegħu fost ir-rappreżentanti tiegħu fil-Bord tat-Tmexxija. Il-Membri għandhom jagħmlu l-almu kollu ***tagħhom*** biex jilħqu kunsens. Jekk ma jintlaħaqx kunsens, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75% tal-voti kollha anki tal-voti ta' min ma jkunx attenda. |
| Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jinħatar kull sena u b'rotazzjoni bejn l-Unjoni u l-Membri l-oħra, skont min imissu. | Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jinħatar kull sena u b'rotazzjoni bejn l-Unjoni u l-Membri l-oħra, skont min imissu. |
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kostanti bejn l-attivitajiet ta' Orizzont 2020 u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 billi regolarment tidentifika kumplimentarjetajiet u sinerġiji possibbli, inklużi dupplikazzjonijiet mixtieqa, u timplimenta proċess ta' koordinazzjoni formali biex tipperfezzjona l-prijoritajiet ta' riċerka koperti minn riċerka kollaborattiva skont il-programm qafas u l-attivitajiet koperti mill-Impriża Konġunta tal-IMI2.*** |
| 2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel il-laqgħat ordinarji tiegħu mill-inqas darbtejn fis-sena. Dan jista' jagħmel laqgħat straordinarji meta jitolbu xi Membru jew meta jitolbu l-President. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandu jsejjaħhom il-President u normalment għandhom isiru fis-sede tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel il-laqgħat ordinarji tiegħu mill-inqas darbtejn fis-sena. Dan jista' jagħmel laqgħat straordinarji meta jitolbu xi Membru jew meta jitolbu l-President. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandu jsejjaħhom il-President u normalment għandhom isiru fis-sede tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. ***L-abbozz ta' aġenda, l-aġenda finali u l-minuti tal-laqgħat għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-ITI.*** |
| Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem | Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem |

| | |
|---|---|
| fid-deliberazzjonijiet, iżda ma għandux ikollu drittijiet tal-vot. | fid-deliberazzjonijiet, iżda ma għandux ikollu drittijiet tal-vot. |
| Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistieden lil xi Sieħeb Assoċjat biex jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu fejn jidħlu dawk il-punti fuq l-aġenda li jkollhom x'jaqsmu mal-assoċjazzjoni tiegħu. Is-Sħab Assoċjati m'għandux ikollhom drittijiet tal-vot. | Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistieden lil xi Sieħeb Assoċjat biex jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu fejn jidħlu dawk il-punti fuq l-aġenda li jkollhom x'jaqsmu mal-assoċjazzjoni tiegħu. Is-Sħab Assoċjati m'għandux ikollhom drittijiet tal-vot. |
| Il-President tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija ***bħala osservatur***. | Il-President tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu ***jkollu d-dritt*** jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija ***u jieħu parti fid-deliberazzjonijiet, imma mingħajr drittijiet tal-vot***. |
| | ***Il-President tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u jieħu parti fid-deliberazzjonijiet, imma mingħajr drittijiet tal-vot.*** |
| | ***Il-President tal-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u jieħu parti fid-deliberazzjonijiet, imma mingħajr drittijiet tal-vot.*** |
| Meta jkun il-każ, il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi, b'mod partikolari lill-awtoritajiet reġjonali tal-Unjoni. | Meta jkun il-każ, il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi, b'mod partikolari lill-awtoritajiet reġjonali tal-Unjoni. |
| Ir-rappreżentanti tal-Membri m'għandhomx ikunu responsabbli personalment għall-azzjonijiet li ħadu fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti fil-Bord tat-Tmexxija. | Ir-rappreżentanti tal-Membri m'għandhomx ikunu responsabbli personalment għall-azzjonijiet li ħadu fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti fil-Bord tat-Tmexxija. |
| Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu stess. | Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** r-regoli ta' proċedura tiegħu. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-kompiti tal-Bord tat-Tmexxija | 7. Il-kompiti tal-Bord tat-Tmexxija |
| 1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu r-responsabilità ġenerali mid-direzzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. | 1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu r-responsabilità ġenerali mid-direzzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. |
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kostanti bejn l-attivitajiet tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 billi tidentifika regolarment kumplimentarjetajiet u sinerġiji possibbli, inkluż trikkib mixtieq, u timplimenta proċess ta' koordinazzjoni formali biex tipperfezzjona l-prijoritajiet ta' riċerka koperti minn riċerka kollaborattiva skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-attivitajiet koperti mill-Impriża Konġunta tal-IMI2.*** |
| 2. B'mod partikolari, il-Bord tat-Tmexxija għandu jwettaq dawn il-kompiti: | 2. B'mod partikolari, il-Bord tat-Tmexxija għandu jwettaq dawn il-kompiti: |
| (a) jivvaluta, jaċċetta jew jirrifjuta applikazzjonijiet għal sħubija jew assoċjazzjoni ġdida skont il-Klawsola 3; | (a) jivvaluta, jaċċetta jew jirrifjuta applikazzjonijiet għal sħubija jew assoċjazzjoni ġdida skont il-Klawsola 3; |
| (b) jiddeċiedi fuq it-terminazzjoni tas-sħubija jew tal-assoċjazzjoni fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 ta' xi Membru jew Sieħeb Assoċjat li ma jissodisfax l-obbligi tiegħu; | (b) jiddeċiedi fuq it-terminazzjoni tas-sħubija jew tal-assoċjazzjoni fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 ta' xi Membru jew Sieħeb Assoċjat li ma jissodisfax l-obbligi tiegħu; |
| (c) jadotta r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament; | (c) jadotta r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament; |
| (d) jadotta l-baġit annwali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, inkluż il-pjan tal-istabbiliment tal-persunal li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad kif ukoll l-għadd ta' persunal bil-kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti full-time; | (d) jadotta l-baġit annwali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, inkluż il-pjan tal-istabbiliment tal-persunal li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad kif ukoll l-għadd ta' persunal bil-kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti full-time; |
| (e) jeżerċita s-setgħat tal-awtorità tal-ħatriet fir-rigward tal-persunal, skont l- | (e) jeżerċita s-setgħat tal-awtorità tal-ħatriet fir-rigward tal-persunal, skont l- |

| | |
|---|---|
| Artikolu 6(2); | Artikolu 6(2); |
| (f) jaħtar, ikeċċi, jestendi t-terminu tal-uffiċċju, jiggwida u jissorvelja l-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; | (f) jaħtar, ikeċċi, jestendi t-terminu tal-uffiċċju, jiggwida u jissorvelja l-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; |
| (g) japprova l-istruttura ***organizzazzjonali*** tal-Uffiċċju tal-Programm li tissemma fil-Klawsola 9(5) fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; | (g) japprova l-istruttura ***organizzattiva*** tal-Uffiċċju tal-Programm li tissemma fil-Klawsola 9(5) fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; |
| (h) jadotta l-pjan ta' ħidma annwali u l-estimi tan-nefqa korrispondenti, li jipproponi d-Direttur Eżekuttiv f'koperazzjoni ***mil-qrib*** mal-gruppi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q) u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku ***u l-Grupp*** tar-Rappreżentanti tal-Istati; | (h) jadotta l-pjan ta' ħidma annwali u l-estimi tan-nefqa korrispondenti, li jipproponi d-Direttur Eżekuttiv f'koperazzjoni ***mill-qrib*** mal-gruppi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q) u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku***, il-Grupp*** tar-Rappreżentanti tal-Istati ***u l-Panel Xjentifiku għas-Saħħa ta' Orizzont 2020***; |
| (i) japprova l-kontijiet annwali; | (i) japprova l-kontijiet annwali; |
| (j) japprova r-rapport tal-attività annwali, inkluża n-nefqa korrispondenti; | (j) japprova r-rapport tal-attività annwali, inkluża n-nefqa korrispondenti; |
| (k) jagħmel l-arranġamenti kif xieraq biex tiġi stabbilita kapaċità tal-awditu intern tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (k) jagħmel l-arranġamenti kif xieraq biex tiġi stabbilita kapaċità tal-awditu intern tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; |
| (l) japprova s-sejħiet ***għall-proposti u meta xieraq japprova r-regoli relatati għall-proċeduri tas-sottomissjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għoti, u r-reviżjoni tal-evalwazzjoni, li jipproponi d-Direttur*** Eżekuttiv f'koperazzjoni mill-qrib mal-gruppi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q); | (l) japprova s-sejħiet ***proposti mid-Direttur*** Eżekuttiv f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gruppi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q); |
| (m) japprova l-lista tal-proposti magħżula għal finanzjament; | (m) japprova l-lista tal-proposti magħżula għal finanzjament ***abbażi tal-lista ta' klassifikazzjoni magħmula minn panel ta' esperti indipendenti b'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013***; |
| (n) jistabbilixxi l-politika tal-komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; | (n) jistabbilixxi l-politika tal-komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; |
| | ***(na) jinforma lill-Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati, lill-Kumitat*** |

| | |
|---|---|
| | ***Xjentifiku u lill-Forum tal-Partijiet Interessati b'mod regolari dwar il-kwistjonijiet kollha relevanti għar-rwol konsultattiv tagħhom;*** |
| (o) meta xieraq, jistabbilixxi regoli tal-implimentazzjoni skont l-Artikolu 6(3); | (o) meta xieraq, jistabbilixxi regoli tal-implimentazzjoni skont l-Artikolu 6(3); |
| (p) meta xieraq, jistabbilixxi regoli biex jiġu ***ssekondar*** esperti nazzjonali fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 u jiġu utilizzati ***apprentistati*** skont l-Artikolu 7; | (p) meta xieraq, jistabbilixxi regoli biex jiġu ***ssekondati*** esperti nazzjonali fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 u jiġu utilizzati ***apprendisti*** skont l-Artikolu 7; |
| (q) meta xieraq, jistabbilixxi gruppi konsultattivi minbarra l-korpi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (q) meta xieraq, jistabbilixxi gruppi konsultattivi ***permezz ta' sejħiet miftuħa*** minbarra l-korpi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; |
| (r) meta xieraq, lill-Kummissjoni jressqilha talba biex ikun emendat dan ir-Regolament li jipproponi xi Membru tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (r) meta xieraq, lill-Kummissjoni jressqilha talba biex ikun emendat dan ir-Regolament li jipproponi xi Membru tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; |
| (s) hu responsabbli minn kull kompitu li mhux speċifikament allokat lil wieħed mill-korpi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; jista' jassenja dawn il-kompiti lil wieħed minn dawn il-korpi. | (s) hu responsabbli minn kull kompitu li mhux speċifikament allokat lil wieħed mill-korpi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; jista' jassenja dawn il-kompiti lil wieħed minn dawn il-korpi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm ħtieġa urġenti ta' koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka skont il-programm qafas u l-attivitajiet imwettqa fl-ITK, inkluża l-ġestjoni ta' trikkib mixtieq u ta' sinerġiji u kumplimentarjetajiet meħtieġa. Naturalment dan il-kompitu jista' jitwettaq l-aħjar mill-Kummissjoni li r-rwol tagħha fl-istruttura tat-tmexxija tal-ITK (50 % tal-voti) għandu jipprovdiha b'mezzi suffiċjenti biex tagħmel dan.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv | 9. Il-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv |
| 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 | 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 |

| | |
|---|---|
| skont id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. | skont id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. |
| 2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. Dan għandu jirrispondi għall-Bord tat-Tmexxija. | 2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. Dan għandu jirrispondi għall-Bord tat-Tmexxija. |
| 3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. |
| 4. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq dawn il-kompiti b'mod indipendenti: | 4. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq dawn il-kompiti b'mod indipendenti: |
| (a) jipprepara u jressaq l-abbozz tal-baġit annwali għall-adozzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, inkluż il-pjan tal-istabbiliment tal-persunal korrispondenti li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji f'kull grad u grupp ta' funzjoni u l-għadd ta' persunal bil-kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti full-time; | (a) jipprepara u jressaq l-abbozz tal-baġit annwali għall-adozzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, inkluż il-pjan tal-istabbiliment tal-persunal korrispondenti li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji f'kull grad u grupp ta' funzjoni u l-għadd ta' persunal bil-kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti full-time; |
| (b) f'koperazzjoni mill-qrib mal-korpi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q) jipprepara u jressaq il-pjan ta' ħidma annwali u l-estimi tan-nefqa korrispondenti għall-adozzjoni tal-Bord tat-Tmexxija; | (b) f'koperazzjoni mill-qrib mal-korpi konsultattivi msemmija fil-Klawsola 7(2)(q) jipprepara u jressaq il-pjan ta' ħidma annwali u l-estimi tan-nefqa korrispondenti għall-adozzjoni tal-Bord tat-Tmexxija; |
| (c) ***iressaq il-kontijiet*** annwali għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija; | (c) ***jistabbilixxi l-kontijiet*** annwali ***u jissottomettihom*** għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija; |
| (d) jipprepara u jressaq ir-rapport tal-attività annwali għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, inkluża n-nefqa korrispondenti; | (d) jipprepara u jressaq ir-rapport tal-attività annwali għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, inkluża n-nefqa korrispondenti; |
| (e) iressaq il-lista ta' proposti magħżula għal finanzjament għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija; | (e) iressaq il-lista ta' proposti magħżula għal finanzjament għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija; |
| (f) jiffirma l-ftehimiet jew id-deċiżjonijiet individwali tal-għotijiet; | (f) jiffirma l-ftehimiet jew id-deċiżjonijiet individwali tal-għotijiet; |
| (g) jiffirma l-kuntratti tax-xiri; | (g) jiffirma l-kuntratti tax-xiri; |
| (h) jimplimenta l-politika tal-komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; | (h) jimplimenta l-politika tal-komunikazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; |
| (i) jorganizza, ***jmexxi*** u jissorvelja l- | (i) jorganizza, ***imexxi*** u jissorvelja l- |

| | |
|---|---|
| operazzjonijiet u l-persunal tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fil-limiti tad-delega mill-Bord tat-Tmexxija kif previst fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament; | operazzjonijiet u l-persunal tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 fil-limiti tad-delega mill-Bord tat-Tmexxija kif previst fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament; |
| (j) jistabbilixxi u jiżgura li titħaddem sistema tal-kontroll intern effettiva u effikaċi u jirrapporta kull bidla sinifikanti fiha lill-Bord tat-Tmexxija; | (j) jistabbilixxi u jiżgura li titħaddem sistema tal-kontroll intern effettiva u effikaċi u jirrapporta kull bidla sinifikanti fiha lill-Bord tat-Tmexxija; |
| (k) jassigura li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u ġestjoni tar-riskju; | (k) jassigura li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u ġestjoni tar-riskju; |
| | ***(ka) jimplimenta u jimmoniterja kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta mill-evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta tal-IMI, l-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 jew kwalunkwe valutazzjoni rilevanti oħra tal-attivitajiet tal-IMI2 fi żmien debitu;*** |
| (l) jieħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-valutazzjoni tal-progress tal-Impriża Konġunta ***IMI2*** biex tilħaq l-għanijiet tagħha; | (l) jieħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-valutazzjoni tal-progress tal-Impriża Konġunta ***tal-IMI2*** biex tilħaq l-għanijiet tagħha; |
| 5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi Uffiċċju tal-Programm għall-eżekuzzjoni, taħt ir-responsabilità tiegħu/tagħha, ta' kull kompiti ta' appoġġ li jqumu minn dan ir-Regolament. L-Uffiċċju tal-programm għandu jkun magħmul mill-persunal tal-Impriża Konġunta ***IMI2*** u għandu b'mod partikolari iwettaq dawn il-kompiti li ġejjin: | 5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi Uffiċċju tal-Programm għall-eżekuzzjoni, taħt ir-responsabilità tiegħu/tagħha, ta' kull kompiti ta' appoġġ li jqumu minn dan ir-Regolament. L-Uffiċċju tal-programm għandu jkun magħmul mill-persunal tal-Impriża Konġunta ***tal-IMI2*** u għandu b'mod partikolari iwettaq dawn il-kompiti li ġejjin: |
| (a) jipprovdi appoġġ għall-istabbiliment l-ġestjoni ta' sistema xierqa ta' kontijiet skont ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ***IMI2***; | (a) jipprovdi appoġġ għall-istabbiliment l-ġestjoni ta' sistema xierqa ta' kontijiet skont ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ***tal-IMI2***; |
| (b) jimmaniġġja s-sejħiet ***għall-proposti*** kif previst fil-pjan ta' ħidma annwali u jmexxi l-ftehimiet jew id-deċiżjonijiet tal-għotjiet, inkluża l-koordinazzjoni tagħhom; | (b) jimmaniġġja s-sejħiet***, inkluża l-evalwazzjoni minn panel ta' esperti indipendenti,*** kif previst fil-pjan ta' ħidma annwali u jmexxi l-ftehimiet jew id-deċiżjonijiet tal-għotjiet, inkluża l-kordinazzjoni tagħhom; |
| | ***(ba) jistabbilixxi u jamministra sistema ta' informazzjoni u promozzjoni għal parteċipazzjoni wiesgħa fl-attivitajiet tal-IK, jiġifieri s-sejħiet għal proposti, inkluża*** |

| | |
|---|---|
| | ***rabta mas-sistema 'Punt ta' Kuntatt Nazzjonali';*** |
| (c) jipprovdi lill-Membri u lill-korpi l-oħra tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 kull informazzjoni rilevanti u appoġġ li jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom u biex iwieġeb it-talbiet speċifiċi tagħhom; | (c) jipprovdi lill-Membri u lill-korpi l-oħra tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 kull informazzjoni rilevanti u appoġġ li jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom u biex iwieġeb it-talbiet speċifiċi tagħhom; |
| (d) jaġixxi bħala s-segretarjat tal-korpi tal-Impriża Konġunta u jagħti appoġġ lil kull korp konsultattiv li jistabbilixxi l-Bord tat-Tmexxija. | (d) jaġixxi bħala s-segretarjat tal-korpi tal-Impriża Konġunta u jagħti appoġġ lil kull korp konsultattiv li jistabbilixxi l-Bord tat-Tmexxija. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun fih mhux iktar minn ***7 membri*** maħtura għal perjodu ta' ***sena*** li jista' jiġġedded. Dan għandu jeleġġi ***President*** minn fost il-membri tiegħu għal ***sena***. | 1. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun fih mhux iktar minn ***15-il membru*** maħtura għal perjodu ta' ***sentejn*** li jista' jiġġedded. Dan għandu jeleġġi ***president*** minn fost il-membri tiegħu għal ***mhux aktar minn sentejn***. ***Il-kompożizzjoni tiegħu għandha tkun tali li jkun hemm ugwaljanza bejn is-sessi b'konformità mal-Artikolu 16 tal-Programm Qafas Orizzont 2020.*** |
| Jistgħu jinħatru esperti addizzjonali jekk meħtieġ għal kompiti ad-hoc speċifiċi u għal żmien limitat. | Jistgħu jinħatru esperti addizzjonali jekk meħtieġ għal kompiti ad-hoc speċifiċi u għal żmien limitat***, u l-għażla tagħhom issegwi l-istess proċedura bħal dik għall-membri permanenti għall-Kumitat Xjentifiku***. |
| 2. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom juru rappreżentanza bbilanċjata tal-esperti rikonoxxuti mad-dinja kollha mill-akkademja, l-industrija u l-korpi regolatorji. Ilkoll flimkien, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi xjentifiċi u l-għarfien espert meħtieġa li ***tkopri*** d-dominju tekniku meħtieġ biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet strateġiċi bbażati fuq | 2. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom juru rappreżentanza bbilanċjata tal-esperti rikonoxxuti ***indipendenti*** mad-dinja kollha mill-akkademja, ***il-professjoni medika,*** l-industrija u l-korpi regolatorji. Ilkoll flimkien, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi xjentifiċi u l-għarfien espert meħtieġa li ***jkopru*** d-dominju tekniku meħtieġ biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet strateġiċi |

ix-xjenza lill-Impriża Konġunta tal-IMI2.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u għandu jaħtar il-membri tiegħu. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis il-kandidati potenzjali li jipproponi l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2.

4. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq dawn il-kompiti:

(a) jagħti pariri dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li jridu jiġu indirizzati fil-pjanijiet ta' ħidma annwali;

(b) jagħti pariri dwar il-kisbiet xjentifiċi spjegati fir-rapport tal-attività annwali.

bbażati fuq ix-xjenza lill-Impriża Konġunta tal-IMI2.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u għandu jaħtar il-membri tiegħu. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis il-kandidati potenzjali li jipproponi l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2.

4. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq dawn il-kompiti:

***(-a) jagħti pariri dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom jiġu inklużi fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka filwaqt li jqis, fejn xieraq, ir-riżultati tar-rieżamijiet tal-Panel Xjentifiku għas-Saħħa ta' Orizzont 2020 kif ukoll il-preferenzi soċjetali miġbura minn eżerċizzji ta' involviment pubbliku;***

(a) jagħti pariri dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li jridu jiġu indirizzati fil-pjanijiet ta' ħidma annwali***, inklużi l-abbozzi tat-testi tas-sejħiet***;

(b) jagħti pariri dwar il-kisbiet xjentifiċi spjegati fir-rapport tal-attività annwali.

***(ba) ifassal rapport annwali dwar il-progress tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;***

***(bb) ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 li għandha ssir sal-31 ta' Ġunju 2017. L-evalwazzjoni interim se tivvaluta wkoll l-adozzjoni tal-preferenzi soċjetali li jirriżultaw mill-eżerċizzji ta' involviment pubbliku.***

***Il-parir tal-Kumitat Xjentifiku għandu jitqies kif xieraq.***

***4a. Il-Kumitat Xjentifiku jista' joħroġ, fuq inizjattiva proprja, rakkomandazzjonijiet lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 dwar kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali u***

| | |
|---|---|
| | ***xjentifiċi.*** |
| | ***L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tinforma lill-Kumitat Xjentifiku dwar is-segwitu li tkun tat lil tali rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tagħti raġunijiet meta ma tadottax dawk ir-rakkomandazzjonijiet.*** |
| 5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas ***darba*** fis-sena. Il-laqgħat għandu jsejjaħhom il-President tiegħu. | 5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas ***darbtejn*** fis-sena. Il-laqgħat għandu jsejjaħhom il-President tiegħu. ***L-abbozz ta' aġenda, l-aġenda finali u l-minuti tal-laqgħat għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-IMI, mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità.*** |
| 6. Bi qbil mal-President, il-Kumitat Xjentifiku jista' jistieden lil persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu. | 6. Bi qbil mal-President, il-Kumitat Xjentifiku jista' jistieden lil persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu. |
| | ***6a. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta tal-IMI2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is-sinerġiji ma' programmi relevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-IMI2 u dwar id-disseminazzjoni u l-isfruttar tar-riżultati ta' riċerka.*** |
| 7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu. | 7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** r-regoli tal-proċedura tiegħu. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u għandu jaħtar il-membri tiegħu. Il-Bord tat-Tmexxija għandu ***jqis il-*** | 3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u għandu jaħtar il-membri tiegħu. Il-Bord tat-Tmexxija għandu ***jaħtar*** |

| | |
|---|---|
| ***kandidati*** potenzjali li jipproponi l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2. | ***il-membri tiegħu mill-kandidati*** potenzjali li jipproponi l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati | Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati |
| 1. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2 għandu jkun fih rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u ta' kull pajjiż assoċjat marl-Programm Qafas Orizzont 2020. Dan għandu jeleġġi Preisdent minn fost il-membri tiegħu. | 1. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-IMI2 għandu jkun fih rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u ta' kull pajjiż assoċjat marl-Programm Qafas Orizzont 2020. Dan għandu jeleġġi Preisdent minn fost il-membri tiegħu. |
| 2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas ***darba*** fis-sena. Il-laqgħat għandu jsejjaħhom il-President tiegħu. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu dawn il-laqgħat. | 2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas ***darbtejn*** fis-sena. Il-laqgħat għandu jsejjaħhom il-President tiegħu. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu dawn il-laqgħat. ***L-abbozz ta' aġenda, l-aġenda finali u l-minuti tal-laqgħat għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-ITI.*** |
| | ***Il-President tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati jista' jistieden lil persuni oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi, b'mod partikolari lil rappreżentanti tal-awroritajiet reġjonali tal-Unjoni u rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti.*** |
| 3. B'mod partikolari, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirrevedi informazzjoni u jagħti pariri dwar dawn il-kwistjonijiet: | 3. B'mod partikolari, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirrevedi informazzjoni u jagħti pariri dwar dawn il-kwistjonijiet: |
| (a) il-progress tal-programmi fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 u biex jintlaħqu l- | (a) il-progress tal-programmi fl-Impriża Konġunta tal-IMI2 u biex jintlaħqu l- |

| | |
|---|---|
| għanijiet tagħha; | għanijiet tagħha***, inklużi s-sejħiet għal proposti, il-proċess ta' evalwazzjoni u l-eżitu fl-istess livell ta' kompletezza u dettall bħal dak ipprovdut lill-Kumitat tal-Programm***; |
| (b) l-aġġornament tal-orjentazzjoni strateġika; | (b) l-aġġornament tal-orjentazzjoni strateġika; |
| (c) ***ir-rabtiet*** mal-Programm Qafas Orizzont 2020; | (c) ***il-konformità*** mal-Programm Qafas Orizzont 2020; |
| (d) il-pjanijiet ta' ħidma annwali; | (d) il-pjanijiet ta' ħidma annwali***, inklużi l-abbozzi tat-testi tas-sejħiet***; |
| | ***(da) ir-rakkomandabilità tal-inklużjoni ta' prijorità ta' riċerka partikolari koperta mill-Impriża Konġunta tal-IMI2 f'sejħiet regolari fil-Programm Qafas Orizzont 2020 sabiex jiġu żviluppati sinerġiji ġodda ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' importanza strateġika;*** |
| (e) l-involviment tal-SMEs. | (e) l-involviment tal-SMEs. |
| 4. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jipprovdi informazzjoni lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 u jaġixxi bħala interlokutur magħha fuq dawn il-kwistjonijiet: | 4. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jipprovdi informazzjoni lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 u jaġixxi bħala interlokutur magħha fuq dawn il-kwistjonijiet: |
| (a) l-istatus tal-programmi rilevanti tar-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali u l-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' koperazzjoni, inkluż l-użu effettiv tagħhom; | (a) l-istatus tal-programmi rilevanti tar-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali u l-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' koperazzjoni, inkluż l-użu effettiv tagħhom; |
| (b) il-miżuri speċifiċi li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew reġjonali fejn jidħlu l-avvenimenti tat-tixrid, il-gruppi ta' ħidma tekniċi dedikati u l-attivitajiet tal-komunikazzjoni. | (b) il-miżuri speċifiċi li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew reġjonali fejn jidħlu l-avvenimenti tat-tixrid, il-gruppi ta' ħidma tekniċi dedikati u l-attivitajiet tal-komunikazzjoni. |
| | ***4a. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta tal-IMI2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is sinerġiji ma' programmi relevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-IMI2 u dwar id-disseminazzjoni u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***isfruttar tar-riżultati ta' riċerka.*** |
| 5. Fuq inizjattiva tiegħu stess, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati jista' jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 fuq kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali u finanzjarji, b'mod partikolari meta dawn il-kwistjonijiet jolqtu interessi nazzjonali jew reġjonali. | 5. Fuq inizjattiva tiegħu stess, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati jista' jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Impriża Konġunta tal-IMI2 fuq kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali u finanzjarji, b'mod partikolari meta dawn il-kwistjonijiet jolqtu interessi nazzjonali jew reġjonali. |
| L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tgħarraf lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati dwar kif segwiet dawn ir-rakkomandazzjonijiet. | L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tgħarraf lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati dwar kif segwiet dawn ir-rakkomandazzjonijiet. |
| 6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu stess. | 6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti għandu jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** r-regoli tal-proċedura tiegħu stess. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Forum tal-Partijiet Interessati | 12. Forum tal-Partijiet Interessati |
| 1. Il-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jkun miftuħ għall-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha, il-gruppi ta' interess internazzjonali mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati kif ukoll minn pajjiżi oħra. | 1. Il-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jkun miftuħ għall-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha, il-gruppi ta' interess internazzjonali mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati kif ukoll minn pajjiżi oħra. ***Dan għandu jinkludi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, organizzazzjonijiet tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn. Huwa għandu jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu.*** |
| 2. Il-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jkun mgħarraf bl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u għandu jiġi mistieden biex jikkummenta. | 2. Il-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jkun mgħarraf bl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2***, fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti finanzjati mill-Impriża Konġunta tal-IMI2, dwar l-eżitu*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar sinerġiji ma' programmi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-IMI2 u dwar it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka,*** u għandu jiġi mistieden biex jikkummenta***, anke dwar il-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika tar-Riċerka***. |
| 3. Il-laqgħat tal-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jsejjaħhom id-Direttur Eżekuttiv. | 3. Il-laqgħat tal-Forum tal-Partijiet Interessati għandu jsejjaħhom id-Direttur Eżekuttiv ***tal-anqas darba fis-sena***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta xi membru tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 jonqos mill-impenji tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilita, id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu nota ta' dan bil-miktub u jistabbilixxi perjodu raġonevoli biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Jekk is-sitwazzjoni ma tiġix rimedjata f'dak il-perjodu, id-Direttur Eżekuttiv għandu jsejjaħ laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija biex jiddeċiedi jekk is-sħubija tal-membru li naqas għandhiex tiġi revokata jew jekk għandhomx jittieħdu xi miżuri oħra sakemm l-obbligi ta' dak il-membru jiġu ssodisfati. Il-Bord tat-Tmexxija inizjalment jista' jissospendi d-drittijiet tal-vot tal-membri kollha li ma jonorawx l-obbligi tagħhom, ladarba jkunu nstemgħu u ngħataw l-opportunità li jirrimedjaw li jirregolarizzaw l-affarijiet.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rappurtar operattiv u finanzjarju | Ir-rappurtar operattiv u finanzjarju |
| 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta kull sena lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-twettiq ta' dmirijietu skont ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta kull sena lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-twettiq ta' dmirijietu skont ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2. |
| ***Sal-15 ta' Frar ta' kull sena***, id-Direttur Eżekuttiv għandu jressaq rapport tal-attività annwali għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, li jittratta l-progress li tkun għamlet l-Impriża Konġunta tal-IMI2 fis-sena kalendarja ta' qabel, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena. Fost l-oħra dak ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet: | ***Fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja,*** id-Direttur Eżekuttiv għandu jressaq rapport tal-attività annwali għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, li jittratta l-progress li tkun għamlet l-Impriża Konġunta tal-IMI2 fis-sena kalendarja ta' qabel, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena. Fost l-oħra dak ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet: |
| (a) l-azzjonijiet tar-riċerka, l-innovazzjoni u oħrajn li twettqu, u n-nefqa korrispondenti; | (a) l-azzjonijiet tar-riċerka, l-innovazzjoni u oħrajn li twettqu, u n-nefqa korrispondenti; |
| (b) il-proposti mressqa, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż; | (b) il-proposti mressqa, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż; |
| (c) l-azzjonijiet magħżula għal finanzjament, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali. | (c) l-azzjonijiet magħżula għal finanzjament, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi l-SMEs, u skont il-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali. |
| 2. Meta l-Bord tat-Tmexxija japprova r-rapport tal-attività annwali, dan għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. | 2. Meta l-Bord tat-Tmexxija japprova r-rapport tal-attività annwali, dan għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. |
| 3. ***L-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tirrapporta kull sena lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.*** | 3. ***Sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja sussegwenti, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.*** |

***Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandha tibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri.***

***Kif jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 skont l-Artikolu 148 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2; id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottomettihom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.***

***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2.***

***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija sal-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja.***

***Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.***

***Sat-30 ta' Settembru, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba għall-osservazzjonijiet li saru fir-rapport annwali tiegħu lill-Qorti tal-Awdituri. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat din it-tweġiba wkoll lill-Bord tat-Tmexxija.***

***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jressaq quddiem il-Parlament Ewropew, fuq talba tiegħu, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla intoppi tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 165(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.***

***4. Il-kontijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jeżaminahom korp tal-***

***awditu indipendenti kif stipulat fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.***

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***18 - Indikaturi***

***L-indikaturi tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-progress imqabbla mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 huma:***

***Progress xjentifiku u teknoloġiku***

| | *Indikatur* | *Mira* |
|---|---|---|
| ***Monitoraġġ tal-ilħuq tal-għanijiet tal-Impriża Konġunta*** | ***Monitoraġġ tal-ilħuq tal-għanijiet speċifiċi*** | ***Ara t-Taqsima 3.2 tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt*** |
| | ***Numru ta' netwerks ta' innovazzjoni miftuħa stabbiliti*** | ***3 netwerks ta' innovazzjoni miftuħa bejn setturi differenti tal-industriji, u 2 netwerks ta' provi kliniċi*** |
| | ***Numru ta' tfassil ta' aġenda strateġika lil hinn mill-Impriża Konġunta*** | ***Tfassil ta' aġenda strateġika fi 3 oqsma tar-riċerka definiti mill-għanijiet speċifiċi fit-Taqsima 3.2;*** |
| | ***Numru ta' sħubijiet stabbiliti*** | ***Sħubijiet f'16-il qasam tar-riċerka definiti mill-għanijiet speċifiċi fit-Taqsima 3.2*** |
| ***Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika tar-riċerka*** | ***L-għadd ta' punti tad-dejta analizzati biex jintlaħqu fit-tassonomija molekulari preċiż tal-mard*** | ***5 miljun punt tad-dejta*** |
| | ***L-għadd ta' mard klassifikat*** | ***4 oqsma tal-mard*** |

| | | |
|---|---|---|
| | *L-għadd ta' provi analizzati biex joħorġu tagħlimiet mir-riżultati negattivi* | *125 prova* |
| | *Il-livell ta' kunsiderazzjoni tal-għanijiet politiċi dwar is-saħħa u l-bidla demografika u l-benesseri* | *L-aġenda strateġika tar-riċerka jeħtieġ tindirizza il-punti 1.1.2, 1.2.2, partijiet mill-punt 1.2.3 u partijiet mill-punt 1.3.1 tal-approċċ ġenerali parzjali tal-Programm Qafas Orizzont 2020* |
| *Monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta* | | |
| *L-għażla tal-proġetti u l-allokazzjoni tal-finanzjament* | *Iż-żmien għall-għotja* | *270 jum* |
| | *Iż-żmien għall-ħlas* | *30 jum* |
| | *Il-livell ta' adeżjoni mal-iskeda taż-żmien* | *Il-baġit impenjat u s-sejħiet imnedija skont dan* |
| | *Il-livell ta' parteċipazzjoni u benefiċċji tal-SMEs* | *Mill-bidu 20% tal-finanzjament tal-IMI2 jingħata lill-SMEs, benefiċċju għall-SMEs sorveljati mit-tieni (2) sena: mill-inqas 70% tal-SMEs li wieġbu ddikjaraw li jibbenfikaw mill-għarfien espert tas-sħab fl-industrija u/jew fl-akkademja; 80% tal-SMEs jgħidu li l-għanijiet ma setgħux jintlaħqu mingħajr l-appoġġ tal-IMI2.* |
| *L-effikaċja tal-programm tar-riċerka* | *L-għadd ta' pubblikazzjonijiet* | *Il-medja hi 20 pubblikazzjoni għal kull finanzjament ta' EUR 10 miljun* |
| | *Il-fattur tal-impatt tal-ġurnali li jippubblikaw l-artikli* | *Il-medja tal-fattur tal-impatt hi 10% aktar mill-medja tal-UE* |
| | *L-impatt tal-pubblikazzjonijiet* | *Iċ-ċitazzjonijiet huma 20% aktar mill-medja għall-pubblikazzjonijiet tal-UE* |

| | |
|---|---|
| ***L-għadd ta' privattivi*** | ***Il-medja hi 2 applikazzjonijiet għal privattiva għal kull finanzjament ta' EUR 10 miljun*** |
| ***Intensità fir-R&Ż*** | ***Perċentwal tal-varjazzjoni interannwali tal-proporzjon tan-nefqa annwali fir-R&Ż meta mqabbel man-nefqa totali tal-kumpaniji EFPIA*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Rapporteur temmen li d-dispożizzjonijiet relatati mal-lieva tal-investiment privat għandhom jissaħħu aktar sabiex isiru aktar viżibbli. Għaldaqstant, iddaħħal indikatur tal-intensità ġdid għar-R&Ż għall-kumpaniji EFPIA, komembri tal-Impriża Konġunta tal-IMI.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Il-kunflitt ta' interess | 20. Il-kunflitt ta' interess |
| 1. L-Impriża Konġunta tal-IMI2, il-korpi tagħha u l-persunal għandhom jevitaw il-kunflitt ta' interess fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom. | 1. L-Impriża Konġunta tal-IMI2, il-korpi tagħha u l-persunal għandhom jevitaw il-kunflitt ta' interess fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom. |
| 2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***jista'*** jadotta regoli biex jippreveni u ***l-jimmaniġġja*** l-kunflitti ta' interess fejn jidħlu l-Membri, is-Sħab Assoċjati, il-korpi u l-persunal tagħha. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kull kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-Membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija. | 2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 ***għandu*** jadotta regoli biex jippreveni u ***jimmaniġġja*** l-kunflitti ta' interess fejn jidħlu l-Membri, is-Sħab Assoċjati, il-korpi u l-persunal tagħha. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kull kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-Membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija. ***B'mod partikolari dawk ir-regoli għandhom jikkjarifikaw id-dettalji li għandhom jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni tal-attivitajiet professjonali, tal-interessi finanzjarji u tal-kunflitt ta' interess sħaħ.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Il-proċess tal-istralċ | 21. Il-proċess tal-istralċ |
| 1. Il-proċess tal-istralċ tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jibda fi tmiem il-perjodu fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. | 1. Il-proċess tal-istralċ tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jibda fi tmiem il-perjodu fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament ***jew jekk l-evalwazzjoni turi li ma ġewx issodisfati l-għanijiet tal-Impriża***. |
| 2. Il-proċedura tal-proċess tal-istralċ għandha tinbeda mill-ewwel meta l-Kummissjoni jew il-Membri l-oħra kollha jirtiraw mill-Impriża Konġunta tal-IMI2. | 2. Il-proċedura tal-proċess tal-istralċ għandha tinbeda mill-ewwel meta l-Kummissjoni jew il-Membri l-oħra kollha jirtiraw mill-Impriża Konġunta tal-IMI2. |
| 3. Bil-għan li jmexxi l-proċeduri biex jinbeda l-proċess tal-istralċ tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar likwidatur wieħed jew iktar, li għandhom ikunu konformi mad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. | 3. Bil-għan li jmexxi l-proċeduri biex jinbeda l-proċess tal-istralċ tal-Impriża Konġunta tal-IMI2, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar likwidatur wieħed jew iktar, li għandhom ikunu konformi mad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. |
| 4. Meta Impriża Konġunta tal-IMI2 tkun għaddejja mill-proċess tal-istralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru r-responsabbiltajiet tagħha u n-nefqa relatata mal-proċess tal-istralċ. Kull eċċess għandu jitqassam fost il-Membri waqt il-proċess tal-istralċ b'mod proporzjonat mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta tal-IMI2. Kull eċċess bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jerġa' lura fil-baġit tal-Unjoni. | 4. Meta Impriża Konġunta tal-IMI2 tkun għaddejja mill-proċess tal-istralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru r-responsabbiltajiet tagħha u n-nefqa relatata mal-proċess tal-istralċ. Kull eċċess għandu jitqassam fost il-Membri waqt il-proċess tal-istralċ b'mod proporzjonat mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta tal-IMI2. Kull eċċess bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jerġa' lura ***fil-programm speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020*** fil-baġit tal-Unjoni. |
| 5. Għandha tinstab proċedura ad hoc li tiżgura l-ġestjoni xierqa ta' kull ftehim li tikkonkludi jew kull deċiżjoni li tadotta l-Impriża Konġunta tal-IMI2 kif ukoll kull kuntratt tax-xiri itwal miż-żmien tagħha. | 5. Għandha tinstab proċedura ad hoc li tiżgura l-ġestjoni xierqa ta' kull ftehim li tikkonkludi jew kull deċiżjoni li tadotta l-Impriża Konġunta tal-IMI2 kif ukoll kull kuntratt tax-xiri itwal miż-żmien tagħha. |

## NOTA SPJEGATTIVA

L-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) se tkun is-suċċessur tal-IMI1, Inizjattiva Teknoloġika Konġunta stabbilita taħt is-7 Programm Qafas, iżda bi skop differenti: mir-riċerka bijomedika prekompetittiva l-enfasi se tkun fuq is-saħħa pubblika. B'dan il-mod, l-IMI2 se twessa' l-aġenda tagħha biex tinkludi ċ-ċiklu sħiħ ta' innovazzjoni, filwaqt li jiġu involuti industriji oħra tax-xjenzi tal-ħajja, u filwaqt li tkopri mhux biss ir-riċerka, iżda anke l-kummerċjalizzazzjoni ta' mediċini innovattivi.

Kif jinnota t-tieni rapport interim dwar l-IMI1, kien hemm proċess ta' tagħlim, li huwa naturali għal kwalunkwe skema ġdida, li tkompla fil-proposta attwali. Madankollu, għad fadal xi kwistjonijiet li dwarhom ir-Rapporteur temmen li għad hemm lok għal titjib, partikolarment:

Allinjament aħjar ma' Orizzont 2020;

Struttura ta' governanza aktar trasparenti, responsabbli u parteċipattiva;

Ġestjoni xjentifika aktar b'saħħitha.

**Allinjament ma' Orizzont 2020**

Waqt in-negozjati tal-Pakkett Orizzont 2020, il-Parlament Ewropew segwa r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-grupp ta' esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm Qafas u r-rapport ta' awditu sussegwenti tal-PE, li talbu sett uniku ta' regoli għall-Programm kollu, filwaqt li ġie żgurat li koerenza tematika, b'valur miżjud Ewropew ċar, inżammet fl-istrumenti kollha. Billi l-ITK kienu qajmu taħssib partikolari, il-Parlament Ewropew għamel sforz kbir biex jiggarantixxi li dan l-istrument jaderixxi sew mal-prinċipji msemmija hawn fuq.

Għaldaqstant, l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Programm Qafas isaħħaħ il-kriterji kemm għall-identifikazzjoni kif ukoll għall-ġestjoni ta' dan l-istrument, b'enfasi speċjali fuq (i) valur miżjud ippruvat tal-istrument, (ii) id-definizzjoni ta' għanijiet soċjetali u ta' kompetittività ċari u li jistgħu jitkejlu, (iii) kontribut bilanċjat mis-settur privat vis-à-vis l-Baġit tal-UE, (iv) konformità mar-Regoli għal Parteċipazzjoni, (v) komplementarjetà ma' partijiet oħra ta' H2020, (vi) l-involviment tas-sħab interessati kollha tal-katina tal-valur kollha, u (vii) id-dimostrazzjoni ta' sistema ta' governanza miftuħa, trasparenti u parteċipatorja.

Barra minn hekk, l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar il-Programm Qafas jitlob li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-ITK bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, inkluża, inter alia, analiżi ta' kemm huma miftuħa, trasparenti u effettivi.

Dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament dwar il-Programm Qafas H2020 li ddaħħlu fir-Regolament attwali huma:

- Involviment akbar tal-SMEs (ara l-Artikolu 18 H2020 FP), filwaqt li jitqies li l-kwestjonarju tal-parteċipanti fil-proġett tal-IMI juri li l-interess tal-industrija u tal-akkademja li jikkondividu l-għarfien huwa baxx ħafna;
- Koordinazzjoni mal-Panel Xjentifiku għas-Saħħa ta' H2020 (ara l-Artikolu 12 H2020 FP);
- Konformità espliċita mal-prinċipji ġenerali ta' Orizzont 2020 bħall-aċċess miftuħ u l-ugwaljanza bejn is-sessi (ara l-Artikolu 15 u 15b H2020 FP);
- Assigurazzjoni li l-oqsma koperti mill-PPPs ma jiġux esklużi awtomatikament mill-Programmi ta' Ħidma, peress li huma intiżi biex jikkomplementaw u mhux biex jissostitwixxu proġetti regolari ta' kooperazzjoni transnazzjonali (ara l-Artikolu 19 H2020 FP).
- Inklużjoni tal-iżvilupp ta' prodotti minsija u relatati mal-faqar (ara l-Anness H2020 FP, Sfida tas-Saħħa).

**Baġit**

Minkejja r-rakkomandazzjoni rikorrenti mill-Parlament Ewropew biex jiġu allokati EUR 100 biljuun lill-Programm H2020, il-Kunsill iddeċieda li jnaqqas il-proposta tal-Kummissjoni bi 12.5 %. Din id-deċiżjoni, flimkien mal-fatt li r-rapport Riera dwar il-Programm Qafas H2020 jiddikjara li l-qofol tal-Programm għandu jibqa' l-proġetti ta' R&Ż prekompetittivi, kollaborattivi, ta' daqs medju u transnazzjonali, wasslet biex ir-Rapporteur tapplika għall-Impriża Konġunta tal-IMI2 l-istess perċentwal ta' tnaqqis fil-baġit bħat-tnaqqis globali tal-pakkett Orizzont 2020 fil-QFP.

Ir-Rapporteur tipproponi wkoll li t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet mhux użati tal-Impriża Konġunta tal-IMI1 għall-IMI2 jiġi limitat għall-ispejjeż amministrattivi mill-ġestjoni tal-proġetti tal-IMI1 li għadhom għaddejjin. Il-bqija tal-baġit li ma ntefaqx għandu jiġi ttrasferit għas-sejħiet regolari tal-FP7 (eż. biex jiġu ffinanzjati dawk il-proġetti eċċellenti li attwalment qegħdin fil-listi ta' riżerva).

Dwar il-kwistjoni tal-effett ta' lieva, ir-Rapporteur temmen li d-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet in natura tal-industrija għandhom jissaħħu aktar sabiex isiru aktar viżibbli. Għaldaqstant, iddaħħal indikatur ġdid tal-intensità tar-R&Ż u ġie ssottolinjat l-obbligu li l-awditi ex post jiġu estiżi għall-kontribuzzjonijiet in natura.

**Il-politika tal-IPR**

Kif muri mill-eżitu tal-"konsultazzjoni pubblika dwar pjanijiet għal sħubija pubblika privata fir-riċerka dwar ix-xjenzi tal-ħajja u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020", u miż-żewġ evalwazzjonijiet interim tal-Impriża Konġunta tal-IMI, għad hemm tħassib kbir fost il-partijiet interessati rigward il-politika tal-IPR tal-Impriża Konġunta tal-IMI. Kif imsemmi hawn fuq, il-Parlament Ewropew iddefenda bil-qawwa l-konformità sħiħa mar-Regoli għal Parteċipazzjoni u għalhekk iħeġġeġ lill-membri tal-Impriża Konġunta tal-IMI biex jadottaw dak l-approċċ li:

- Ma joħloqx ostakli li jistgħu jwaqqfu l-SMEs, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka eċċellenti, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti milli jipparteċipaw fl-IMI;
- Jikseb allokazzjoni ġusta tad-drittijiet;
- Jiżgura ċ-ċertezza legali mill-bidu nett.

Jekk ikun jinħtieġ li att delegat jidderoga mir-Regoli għal Parteċipazzjoni, il-Parlament Ewropew jimmoniterja mill-qrib li jikkonforma mal-prinċipji msemmija hawn fuq u ma jwassalx għal perċezzjoni ta' żbilanċ fost il-parteċipanti.

**Ġestjoni Xjentifika msaħħa**

Kritika oħra sikwit imleħħna mill-partijiet interessati fit-tweġibiet tagħhom għall-konsultazzjoni pubblika msemmija hawn fuq kienet in-nuqqas ta' involviment sinifikanti tal-komunità tar-riċerka fid-definizzjoni tal-aġendi strateġiċi tar-riċerka.

Jinħtieġ ukoll li jkun żgurat li s-suġġetti tar-riċerka jissodisfaw interess pubbliku ġenwin u ma jitqisux bħala għodda favur id-distorsjonijiet fis-suq. Għalhekk, ir-Rapporteur tikkunsidra ta' importanza fundamentali li l-Kumitat Xjentifiku ma jkunx ikkonsolidat biss bħala korp essenzjali tal-Impriża Konġunta tal-IMI, iżda anke li r-rwol tiegħu jiġi estiż biex jassigura l-parteċipazzjoni attiva tiegħu fid-definizzjoni tal-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom jiġu inklużi fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka.

Mill-banda l-oħra, livell ulterjuri ta' koerenza u ppjanar strateġiku għandu jiġi assigurat fi ħdan l-"Isfida tas-Saħħa" permezz tal-involviment tal-Panel Xjentifiku għas-Saħħa ta' H2020.

**Governanza aktar trasparenti u responsabbli**

Tressaq sett finali ta' emendi biex jissaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istruttura ta' governanza tal-Impriża Konġunta tal-IMI u tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex tittenna l-leġittimità tagħha u biex ikun żgurat li l-korpi kollha jingħataw il-mezzi neċessarji biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom f'settur partikolarment sensittiv, li fih l-interess pubbliku għandu jkun l-ixprun ewlieni tal-azzjonijiet kollha tal-IMI.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.1.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 45<br>–: 4<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Amelia Andersdotter, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Gaston Franco, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Zbigniew Zaleski |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Badia i Cutchet, Yves Cochet, Rachida Dati, Věra Flasarová, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Werner Langen, Silvia-Adriana Ţicău, Lambert van Nistelrooij, Hermann Winkler |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Paul Besset, Janusz Władysław Zemke |